MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2011

Numru 41/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Candelaria Vasques Carvajal**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 41 tas-sena 2010 kontra l-akkuzata Candelaria Vasques Carvajal, li bih hija giet akkuzata talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga waqt li kienu qed jagħmlu r-ronda tagħhom fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta innutaw persuna femminili qua l-akkużata, li kienet għadha kif waslet Malta minn fuq titjira minn Zurich bin-numru KM491 u li dehret li setgħet kienet qed iġorr sustanża illegali.  Dan is-suspett ġie ikkonfermat wara tfittxijiet awtorizzati fuq il-persuna tal-akkużata fejn instab li kienet qed iġorr tubu u tlett kapsuli fil-partijiet intimi

tagħha, liema oġġetti esteri rriżultaw li kienu jikkontjenu d-droga kokajina.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fil-ġranet qabel is-sittax (16) ta’ Jannar ta’ tas-sena elfejn u għaxra (2010) kif ukoll dakinhar, l-akkużata Candelaria Vasques Carvajal, iddeċidiet illi tibda tmexxi u tittraffika fid-droga kokajina. L-akkużata kienet ftehmet ma’ xi persuni oħra barra minn Malta li kellhom jgħaddula l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużata timportaha u tgħaddieha lill-persuna jew persuni oħra f’Malta. Għas-servizz tagħha li ġġorr fil-partijiet intimi tagħha u twassal id-droga kokajina f’pajjizna u tgħaddiha lil terżi persuni, l-akkużata kellha titħallas ammont konsiderevoli ta’ flus. In esekuzzjoni ta’ dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużata xjentement u kunsenswalment ingħatat u eżegwiet struzzjonijiet mogħtija lilha minn persuna oħra sabiex iddaħħal tubu kbir fil-parti intima tagħha kif ukoll tlett kapsuli oħra fil-kavita’ anali tagħha, liema tubu u kapsuli kienu ilkoll jikkontjenu s-sustanza illegali u perikoluża tal-kokajina u dan sabiex tkun f’posizzjoni li ddaħħal is-sustanza ġewwa pajjiżna u tgħaddi l-istess lil terza/i persuna/i oħra ai fini ta’ traffikar, mingħajr ma tiġi interċettata mill-pulizija u/jew l-uffiċjali responsabbli. Hi kienet anki ingħatat struzzjonijiet sabiex talloġġja ġewwa lukanda ġewwa gżiritna u tistenna struzzjonijiet addizzjonali bl-iskop li tittraffika din is-sustanża lil ħaddieħor wara li tkun neħħiethom mill-partijiet intimi tagħha.

Illi sussegwentement fis-sittax (16) ta’ Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) l-akkużata qabdet ajruplan minn Barcelona għall-Amsterdam fejn minn hemmhekk rikbet karozza tal-linja lejn l-ajruport ta’ Zurich minn fejn qabdet ajruplan ieħor għal Malta bl-iskop li tesegwixxi dan il-pjan maħsub iżda fortunatament l-akkużata u d-droga ġiet interċetata qabel ma ġew mgħoddija lil ħaddieħor ġewwa pajjiżna. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet fil-kapsuli importati mill-akkużat, kienet effettivament tikkonsisti mid-droga imsemmija fl-ammont globali ta’ madwar mitejn erbgħa u ħamsin punt disa’ grammi (254.9grms) kokajina u li kellha l-purita` ta’ ċirka wieħed u

erbgħin punt tlieta fil-mija (41.3%). Il-kokajina titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanza illegali skond il-Liġi tagħna, u din is-sustanza għandha l-valur kumplessiv ta' dsatax –il Elf u ħames mija u tnax Euro (€19,512).

Illi b'għemilha l-imsemmija Candelaria Vasques Carvajal saret ħatja talli assoċjat ruħha ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegħ jew tittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwoviet, ikkonstitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija Candelaria Vasques Carvajal ħatja talli assoċjat ruħha ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegħ jew tittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwoviet, ikkonstitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assoċjazzjoni;
Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużata u illi tiġi kkundannata għal piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew bejn is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġranet preċedenti għal din id-data, u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li preċiżament fis-

sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) l-akkużata volontarjament u xjentement għamlet vjaġġ minn Barcelona għall-Amsterdam fejn minn hemmhekk rikbet karozza tal-linja lejn l-ajruport ta' Zurich minn fejn qabdet ajruplan ieħor għal Malta u dan meta kienet taf li kienet qed timporta ammont sostanzjali tad-droga kokajina wara li xjentement kienet daħlet tubu kbir fil-parti intima tagħha kif ukoll tlett kapsuli oħra fil-kavita` anali tagħha, liema tubu u kapsuli kienu ilkoll jikkontjenu s-sustanza illegali u perikoluża tal-kokajina qabel ma telqet minn Zurich. Dawn l-oġġetti esterni kienu jikkontjenu l-ammont globali ta' madwar mitejn erbgħa u ħamsin punt disa' grammi (254.9grms) kokajina u li kellha l-purita` ta' ċirka wieħed u erbgħin punt tlieta fil-mija (41.3%). Dawn il-fatti ġew kkonfermati mill-akkużata stess li ammettiet dan kollu fil-kors tal-proċeduri kontriha u li għamlet dan kollu sabiex din id-droga illegali tiġi mportata fi xtutna mingħajr ma tiġi nterċettata u sabiex tkun f'posizzjoni li tittraffika din id-droga lil ħaddieħor hawn Malta. Effettivament li kieku l-uffiċjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni ma ndunawx u ma nterċettawx lill-akkużata fil-mument opportun, din id-droga kienet tgħaddi f'idejn terzi persuni f'pajjiżna li faċilment setgħu jittraffikaw din id-droga perikoluża u illegali għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużata, li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilha l-imsemmija Candelaria Vasques Carvajal saret ħatja talli importat, ġiegħlet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhiex liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija Candelaria Vasques Carvajal, ħatja talli timporta, ġiegħlet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa

sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kelliex liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett;
Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u illi hija tiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġranet preċedenti għal din id-data, minħabba l-fatt li l-akkużata ex admissis, xjentement kienet daħħlet tubu kbir fil-parti intima tagħha kif ukoll tlett kapsuli oħra fil-kavita` anali tagħha, liema tubu u kapsuli kienu ilkoll jikkontjenu s-sustanza illegali u perikoluża tal-kokajina qabel ma telqet minn Zurich u xjentement kien taf li dawn kienu intiżi għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-intervenzjonijiet mediċi u l-analiżi meħtieġa li saru, li filfatt kienet id-droga kokajina u cioe` mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta' wieħed iqis il-*modus operandi* tat-trasport ta' din is-sustanza, irriżulta li l-akkużata kienet fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-Liġi. L-akkużata m'għandiex problema ta' abbuż tad-droga kokajina u kwindi din is-sustanza perikoluża ma' kinitx intiża għall-użu personali tagħha, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont

kumplessiv tad-droga li instabet fil-kapsuli u fit-tubu kienet waħda konsiderevoli u ċioe` ta' madwar mitejn erbgħa u ħamsin punt disa' grammi (254.9grms) kokajina u li kellha l-purita' ta' ċirka wieħed u erbgħin punt tlieta fil-mija (41.3%) li ċertament ma tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużata ma kinitx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mil-Liġi li tippermettilha jkollha fil-pussess tagħha din is-sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar iil-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilha l-imsemmija Candelaria Vasques Carvajal saret ħatja talli, kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienitx awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollha dik id-droga li ma' ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provduta fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Candelaria Vasques Carvajal ħatja talli, kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kinitx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja

mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kinitx awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollha dik id-droga li ma' ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provduta fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax -il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u mmobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużata.
Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali w tal-akkużata Candelaria Vasques Carvajal, tal-10 ta' Marzu, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużata għall-akkużi miġjuba kontriha, l-piena li għandha tigi inflitta fuqha minn din il-Qorti għandha tkun wahda ta' priġunerija għal periodu ta' seba' (7) snin flimkien ma multa ta' sittax-il elf u tlett mitt Euro (€16,300) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kapitolu 101], inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli w immobbli tal-istess akkużata; talbu li tigi erogata din il-piena.

Rat illi waqt is-seduta tallum 21 ta' Marzu, 2011, l-akkużata, mistoqsija jekk ihiex ħatja skond l-Att tal-

Akkuza, wieġbet billi stqarret li hija kienet ħatja tar-reati hemm dedotti kontra taghha;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba w tatha ftit taż-żmien biex terga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużata baqghet itenni t-tweġiba li hija kienet ħatja.

Tiddikjara ghalhekk lil Candelaria Vasquez Carvajal hatja :-

1. talli fis-16 ta' Jannar, 2010 assoċjat ruħha ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegħ jew tittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwoviet, ikkonstitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assoċjazzjoni, w dana fir-rigward tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.
2. talli fis-16 ta' Jannar, 2010 u fil-granet precedenti ghal din id-data u cioe` kif imsemmija fl-Ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuza, timporta, ġiegħlet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhiex liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.
3. talli fis-16 ta' Jannar, 2010 u fil-granet precedenti ghal din id-data, kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kinitx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kinitx awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollha dik id-

droga li ma' ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provduta fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset illi r-reat taht it-tielet Kap tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huwa assorbit fl-ewwel u t-tieni kapi tal-Att ta' l-Akkuza, stante li servew bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess r-reat in kwistjoni a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hatja, w lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta' tal-hatja, l-kondotta ta' qabel tal-hatja, x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, u b' mod partikolari f' dan il-kaz il-kwantita' ta' droga involuta fir-reati, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hatja ammettiet l-htija taghha w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w ir-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi

Perikoluzi [N.G. 292 ta’ l-1939] u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hatja Candelaria Vasques Carvajal ghall-piena ta’ seba’ (7) snin prigunerija, b’dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata’ kull zmien li hi ghamlet taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll tikkundannha thallas is-somma ta’ sittax-il elf u tlitt mitt Euro (€16,300) multa konvertita fi tnax –il xahar prigunerija jekk ma jithallsux fi zmien hmistax, u s-somma ta’ elf, mija w disgha w hamsin Euro u sebghin euro centezmi import ta’ l-ispejjez peritali (€1159.70) a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hatja;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni

ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------